

31990L0434

20.8.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 225/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Lulju 1990

dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika għall-inkorporazzjonijiet, id-diviżjonijiet, it-trasferimenti ta' l-attivi u l-iskambji ta' l-ishma li jirrigwardaw il-kumpanniji ta' Stati Membri differenti

(90/434/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-inkorporazzjonijiet, id-diviżjonijiet, it-trasferimenti ta' l-attivi u l-iskambji ta' l-ishma li jirrigwardaw kumpanniji fi Stati Membri differenti jistgħu jkunu meħtieġa sabiex joħlqu għewwa l-Komunità l-kondizzjonijiet analogi għal dawk tas-suq intern u sabiex b'hekk jiżguraw li jiġi stabbilit u jiffunzjona b'mod effettiv is-suq komuni; billi dawn il-ħidmiet ma għandhomx jiġu mfixkla b'restrizzjonijiet, żvantaġġi u tagħwiġ li jinħolqu b'mod partikolari mid-dispożizzjonijiet tat-taxxi fl-Istati Membri; billi għal dan l-iskop huwa meħtieġ li jiddaħħlu rigward dawn il-ħidmiet regoli tat-taxxa li jkunu newtri mill-lat tal-kompetizzjoni, sabiex iħallu lill-intrapriżi jadattaw lilhom infushom skond il-ħtiġiet tas-suq komuni, biex iżidu l-produttività tagħhom u jtejbu s-saħħa tagħhom tal-kompetittività fil-livell internazzjonali;

Billi d-dispożizzjonijiet tat-taxxa jiżvantaġġaw dawn il-ħidmiet, meta mqabbla ma' dawk li jirrigwardaw il-kumpanniji fl-istess Stat Membru; billi huwa meħtieġ li jitneħħew dawn l-iżvantaġġi;

Billi mhux possibbli li jinkiseb dan il-għan bl-estensjoni fil-livell Komunitarju tas-sistemi bħalissa fis-seħħ fl-Istati Membri,

għadarba d-differenzi bejn dawn is-sistemi x'aktarx li jwasslu għal tagħwiġ; billi sistema komuni tat-taxxa biss hija kapaċi tipprovdi soluzzjoni sodisfaċenti f'dan ir-rigward;

Billi s-sistema komuni tat-taxxi għandha tevita l-impożizzjoni tat-taxxi rigward l-inkorporazzjonijiet, id-diviżjonijiet, it-trasferimenti ta' l-attivi jew l-iskambji ta' l-ishma, filwaqt li fl-istess ħin tissalvagwarda l-interessi finanzjarji ta' l-Istat tal-kumpannija trasferitur jew ta' dik miksuba;

Billi rigward l-inkorporazzjonijiet, id-diviżjonijiet jew it-trasferimenti ta' l-attiv, dawn il-ħidmiet normalment jirriżultaw jew fit-trasformazzjoni tal-kumpannija li tittrasferixxi l-attiv lejn stabbiliment permanenti tal-kumpannija li tirċievi l-attivi jew li l-attivi jiġu magħquda ma' stabbiliment permanenti tal-kumpannija ta' l-aħħar;

Billi s-sistema tad-differiment tat-tassazzjoni tal-profitti fuq il-kapital li għandhom x'jaqsmu ma l-attivi ttrasferiti sad-disponiment attwali tagħhom, applikati għal dawk minn dawn l-attivi li jiġu ttrasferiti lil dan l-istabbiliment permanenti, tippermetti l-eżenzjoni mit-tassazzjoni tal-profitt fuq il-kapital korrispondenti, filwaqt li fl-istess ħin tiżgura li fl-aħħar mill-aħħar jiġu ntaxxati mill-Istat tal-kumpannija trasferitur fid-data tad-disponiment minnhom;

Billi huwa wkoll meħtieġ li jiġi ddefinit ir-reġim tat-taxxi li japplika għal ċerti dispożizzjonijiet, riservi jew telf mill-kumpannija trasferitur u li jiġu solvuti l-problemi dwar it-taxxi li jinqalgħu meta waħda miż-żewġ kumpanniji jkollha sehem mill-kapital ta' l-oħra;

Billi l-allokazzjoni lill-azzjonisti fil-kumpannija trasferitur tat-titoli tal-kumpannija riċevitur jew ta' dik li tikseb l-ishma ma għandha fiha nfisha toħloq l-ebda tassazzjoni f'idejn dawn l-azzjonisti;

⁽¹⁾ ĠU C 39, tat-22.3.1969, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 51, tad-29.4.1970, p. 12.

⁽³⁾ ĠU C 100, ta' l-1.8.1969, p. 4.

Billi huwa meħtieġ li l-Istati Membri jitħallew il-possibbiltà li jirrifjutaw li japplikaw din id-Direttiva meta l-inkorporazzjoni, d-diviżjonijiet, it-trasferiment ta' l-attiv jew l-iskambji ta' l-ishma, il-ħidma għandha bħala l-għan tagħha l-evażjoni mit-taxxi jew il-ħarbien minnhom jew tirriżulta illi kumpannija, sewwa jekk tieħu parti jew le fil-ħidma, ma tibqax twettaq il-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rappreżentati tal-ħaddiema fl-organi tal-kumpannija,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

IT-TITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Kull wieħed mill-Istati Membri għandu japplika din id-Direttiva għall-inkorporazzjonijiet, id-diviżjonijiet, it-trasferimenti ta' l-attiv u l-iskambji ta' l-ishma li fihom ikunu involuti żewġ Stati Membri jew iktar.

Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) "inkorporazzjoni" għandha tfisser ħidma li biha:
- kumpannija waħda jew iktar, meta jiġu xolti mingħajr likwidazzjoni, jittrasferixxu l-attiv u l-passiv tagħhom lil kumpannija oħra eżistenti bi skambju għall-ħruġ lil dawk li jkollhom ishma tagħhom ta' titoli li jirrapreżentaw il-kapital ta' din il-kumpannija l-oħra, u, jekk japplika, ħlas fil-flus korrenti ta' 10 % tal-valur nominali, jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-valur *par* tal-kontijiet għal dawn it-titoli,
 - żewġ kumpanniji jew iktar li, meta jiġu xolti mingħajr likwidazzjoni, jittrasferixxu l-attiv u l-passiv kollu tagħhom lill-kumpannija li huma jwaqqfu, bi skambju għall-ħruġ lil dawk li jkollhom ishma fihom ta' titoli li jirrapreżentaw il-kapital f'din il-kumpannija l-ġdida, u, jekk japplika, ħlas fil-flus korrenti li ma jaqbix il-10 % tal-valur nominali, jew fin-nuqqas ta' valur nominali, il-valur *par* tal-kontijiet ta' dawn it-titoli,
 - kumpannija li, meta tiġi xolta mingħajr likwidazzjoni, tittrasferixxi l-attiv u l-passiv kollu tagħha lill-kumpannija li tkun iżżomm it-titoli kollha li jirrapreżentaw il-kapital tagħha;
- (b) "diviżjoni" għandha tfisser ħidma li biha kumpannija, meta tiġi xolta mingħajr likwidazzjoni, tittrasferixxi l-attiv u l-passiv kollu tagħha lil żewġ kumpanniji eżistenti jew iktar jew lil kumpanniji ġodda, bi skambju għall-ħruġ *pro rata* lil dawk li għandhom l-ishma fiha tat-titoli li jirrapreżentaw il-kapital tal-kumpanniji li jirċievu l-attiv u l-passiv, u, jekk japplika, ħlas fil-flus korrenti li ma jaqbix il-10 % tal-valur nominali jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, tal-valur *par* tal-kontijiet ta' dawn it-titoli;
- (ċ) "trasferiment ta' l-attivi" għandha tfisser ħidma li biha kumpannija tittrasferixxi mingħajr ma tiġi xolta, il-friegħi kollha, jew waħda jew iktar minn waħda minnhom ta'

l-attività tagħha lil kumpannija oħra bi skambju għat-titoli li jirrapreżentaw il-kapital tal-kumpannija li tirċievi t-trasferiment;

- (d) "skambju ta' ishma" għandha tfisser ħidma li biha kumpannija tikseb sehem/ishma fil-kapital ta' kumpannija oħra hekk li tikseb il-maġġoranza tad-drittijiet tal-voti f'din il-kumpannija bi skambju għall-ħruġ lil dawk li jkollhom l-ishma fil-kumpannija ta' l-aħħar, bi skambju tat-titoli tagħhom, titoli li jirrapreżentaw il-kapital tal-kumpannija ta' qabel, u, jekk japplika, il-ħlas fi flus korrenti li ma jaqbix il-10 % tal-valur nominali jew, fin-nuqqas ta' valur nominali, il-valur *par* tal-kontijiet tat-titoli maħruġa bi skambju;
- (e) "kumpannija trasferitur" għandha tfisser il-kumpannija li tittrasferixxi l-attiv u l-passiv tagħha jew li tittrasferixxi l-friegħi kollha tagħha jew waħda jew iktar minn waħda ta' l-attività tagħha;
- (f) "kumpannija riċevitur" għandha tfisser il-kumpannija li tirċievi l-attiv u l-passiv jew il-friegħi kollha ta' l-attività jew waħda jew iktar minn waħda minnhom tal-kumpannija trasferitur;
- (g) "kumpannija miksuba" għandha tfisser il-kumpannija li fiha jiġi miksub sehem minn kumpannija oħra permezz ta' skambju tat-titoli;
- (h) "kumpannija li tikseb" għandha tfisser il-kumpannija li takkwista sehem permezz ta' l-iskambju tat-titoli;
- (i) "fergħa ta' l-attività" għandha tfisser l-attiv u l-passiv kollu ta' diviżjoni ta' kumpannija li mil-lat organizzattiv tikkostitwixxi negozju indipendenti, jiġifieri entità kapaċi li tiffunzjona bil-mezzi tagħha nfisha.

Artikolu 3

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, "kumpannija minn Stat Membru" għandha tfisser kull kumpannija li:

- (a) tieħu waħda mill-għamliet elenkati fl-Anness ta' ma' hawn:
- (b) skond il-liġijiet tat-taxxi ta' Stat Membru hija kkunsidrata li hija residenti f'dan l-Istat għall-għanijiet tat-taxxa u, skond it-termini ta' ftehim dwar it-taxxa doppja konkluż ma Stat terz, mhix ikkunsidrata bħala residenti barra mill-Komunità għall-għanijiet tat-taxxa;
- (ċ) barra minn dan, hija bla ħsara għal waħda mit-taxxi li ġejjin, mingħajr il-possibbiltà ta' għażla jew li tiġi eżentata minnhom:
- l- *impôt des sociétés* vennootschapsbelasting fil-Belġju,
 - is- *selskabsskat* fid-Danimarka,
 - il- *Körperschaftsteuer* fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja,
 - il- *φόρος εισοδήματος νομικών προσώπων κερδοκοπικού χαρακτήρα* fil-Greċja,
 - l- *impuesto sobre sociedades* fi Spanja,
 - l- *impôt sur les sociétés* fi Franja,
 - il- *corporation tax* fl-Irlanda,
 - l- *imposta sul reddito delle persone giuridiche* fl-Italja,

- l- impôt sur le revenu des collectivités fil-Lussemburgu,
- il- vennootschapsbelasting fil-Olanda,
- l- imposto sobre o rendimento das pessoas colectivas fil-Portugall,
- il- corporation tax (taxxa fuq il-kumpanniji) fir-Renju Unit,

jew għal kull taxxa oħra li tista tiddaħħal minflok kull waħda mit-taxxi ta' hawn fuq.

IT-TITOLU II

Ir-regoli li japplikaw għall-inkorporazzjonijiet, id-diviżjonijiet u l-iskambji ta' l-ishma

Artikolu 4

1. Inkorporazzjoni jew diviżjoni ma għandhom iwasslu għall-ebda tassazzjoni fuq il-profitt kapitali kkalkolat b'referenza għad-differenza bejn il-valuri reali ta' l-attiv u l-passiv intrasferiti u tal-valuri tagħhom għall-għanijiet tat-taxxa. L-espressjonijiet li ġejjin għandu jkollhom it-tifsiriet assenjati lilhom:

- valur għall-għanijiet tat-taxxa: il-valur li fuq il-bażi tiegħu kull qligħ jew telf ikunu ġew ikkomputati għall-għanijiet tat-taxxa fuq id-dħul, il-profitti jew il-profitti kapitali tal-kumpannija trasferitur jekk dawn l-attiv jew passiv ikunu ġew mibjugħa mal-waqt ta' l-inkorporazzjoni jew tad-diviżjoni imma indipendentement minnha,
- l-attiv u l-passiv intrasferiti: daww l-attivi u passivi tal-kumpannija trasferitur li, bħala konsegwenza ta' l-inkorporazzjoni jew tad-diviżjoni, ikunu effettivament konnessi ma' stabbiliment permanenti tal-kumpannija riċevitur fl-Istat Membru tal-kumpannija trasferitur u taħdem il-parti li tiġġenera l-qligħ jew it-telf meqjusa għall-għanijiet tat-taxxa.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-paragrafu 1 bil-kondizzjoni li l-kumpannija riċevitur tikkomputa kull deprezzament u kull qligħ jew telf rigward l-attivi u l-passivi ttrasferiti skond ir-regoli li kienu jkunu ġew applikati fuq il-kumpannija jew kumpanniji trasferituri li kieku ma kenux saru l-inkorporazzjoni jew id-diviżjoni.

3. Meta, skond il-liġijiet ta' l-Istati Membri tal-kumpannija trasferitur, il-kumpannija riċevitur hija intitolata li jkollha deprezzament ġdid jew kull qligħ jew telf rigward l-attiv u l-passiv intrasferiti kkomputati fuq bażi differenti minn daww iddikjarati fil-paragrafu 2, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-attiv u l-passiv li rigward tagħhom tiġi eżerċitata din il-għażla.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw illi, fejn il-provvisti jew ir-riservi kkostitwiti korrettement mill-kumpannija trasferitur ikunu eżentati fl-intier tagħhom jew f'parti minnhom mit-taxxi u ma jkunux idderivati minn

stabbilimenti permanenti barra mill-pajjiż, dawn il-provvisti jew riservi jistgħu jinġarru 'l quddiem, bl-istess eżenzjoni mit-taxxa, mill-istabbilimenti permanenti l-istabbilimenti tal-kumpannija riċevitur li jkunu lokati fl-Istati Membri tal-kumpannija trasferitur, hekk li b'hekk il-kumpannija riċevitur iġġorr id-drittijiet u l-obbligi tal-kumpannija trasferitur.

Artikolu 6

Safejn u sakemm, jekk il-ħidmiet riferiti fl-Artikolu 1 ikunu ġew effettwati bejn kumpanniji mill-Istati Membri tal-kumpannija trasferitur, l-Istati Membri jkollhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li jippermettu lill-kumpannija riċevitur li tieħu fuqha t-telf tal-kumpannija trasferitur li ma jkunx għadu ġie eżawst għall-għanijiet tat-taxxa, l-Istat Membru għandu jestendi dawn id-dispożizzjonijiet biex jiġi kopert it-teħid ta' dan it-telf mill-istabbilimenti permanenti tal-kumpannija riċevitur fit-territorju tiegħu.

Artikolu 7

1. Meta l-kumpannija riċevitur ikollha sehem mill-kapital tal-kumpannija trasferitur, kull qligħ li jmiss lill-kumpannija riċevitur mal-kanċellazzjoni tas-sehem tagħha ma għandu ikun lijabbli għall-ebda tassazzjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-paragrafu 1 fejn is-sehem tal-kumpannija riċevitur fil-kapital tal-kumpannija trasferitur ma jaqbiżx il-25 %.

Artikolu 8

1. Mal-waqt ta' inkorporazzjoni, diviżjoni jew skambju ta' l-ishma, l-allokazzjoni tat-titoli li jirrapreżentaw il-kapital tal-kumpannija riċevitur jew ta' dik tal-kisba lil azzjonist tal-kumpannija trasferitur jew ta' dik li tikseb bi skambju għat-titoli li jirrapreżentaw il-kapital tal-kumpannija ta' l-aħħar ma għandhom, minnhom infushom, joħlqu l-ebda tassazzjoni fuq id-dħul, il-profitti jew il-profitti kapitali ta' dan l-azzjonist.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-paragrafu 1 bil-kondizzjoni li l-azzjonist ma jagħtix lit-titoli rċevuti valur ogħla għall-għanijiet tat-taxxa milli kellhom it-titoli skambjati immedjatament qabel l-inkorporazzjoni, id-diviżjoni jew l-iskambju.

L-applikazzjoni tal-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjieni lill-Istati Membri milli jintaxxaw il-qligħ li jinħolqu mit-trasferiment sossegwanti tat-titoli rċevuti bl-istess mod bħall-qligħ li jiġi mit-trasferiment tat-titoli li kienu jeżistu qabel il-kisba.

F'dan il-paragrafu, l-espressjoni "valur għall-għanijiet tat-taxxa" ifisser l-ammont li fuq il-bażi tiegħu kull qligħ jew telf jiġu kkomputati għall-għanijiet tat-taxxa fuq id-dħul, il-qligħ jew il-profitt kapitali ta' azzjonist tal-kumpannija.

3. Meta, skond il-liġijiet ta' l-Istat Membru li fih ikun jirresjiedi, azzjonist jista' jagħżel trattament differenti fit-taxxa minn dak iddikjarat fil-paragrafu 2, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għat-titoli li rigward tagħhom tista' tiġi eżerċitata l-għażla.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx jipprevjenu Stat Membru milli jqis, meta jintaxxa l-azzjonisti, kull ħlas fil-flus korrenti li jista' jintgħamel fuq l-inkorporazzjoni, id-diviżjoni jew l-iskambju.

IT-TITOLU III

Ir-regoli li japplikaw għat-trasferiment ta' l-attiv

Artikolu 9

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4, 5 u 6 għandhom japplikaw għat-trasferimenti ta' l-attiv.

IT-TITOLU IV

Il-każ speċjali tat-trasferiment ta' stabbiliment permanenti

Artikolu 10

1. Meta l-attiv ittrasferit f'inkorporazzjoni, diviżjoni jew trasferiment ta' l-attiv jinkludi stabbiliment permanenti tal-kumpannija trasferitur li jkun lokat fi Stat Membru ieħor għajr dak tal-kumpannija trasferitur, dan l-Istat ta' l-aħħar għandu jirrinunzja għal kull dritt li jintaxxa lill-istabbiliment permanenti. Madankollu, l-Istat ta' kumpannija trasferitur jista' jerġa' jistabbilixxi fil-qligħ taxxabli ta' din il-kumpannija dak it-telf ta' l-istabbiliment permanenti li jkun għamel tajjeb minn qabel għall-qligħ taxxabli tal-kumpannija f'dan l-Istat u li ma jkunx ġie rku-prat. L-Istat li fih l-istabbiliment permanenti jkun stabbilit u l-Istat tal-kumpannija riċevitur għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal dan it-trasferiment daqs li kieku l-Istat ta' qabel kien l-Istat tal-kumpannija trasferitur.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, meta l-Istat Membru ta' kumpannija trasferitur japplika sistema li tintaxxa profitti mifruxa mad-dinja kollha, dan l-Istat Membru għandu jkollu d-dritt li jintaxxa kull qligħ jew profitti kapitali ta' l-istabbiliment permanenti li jirriżultaw mill-inkorporazzjoni, diviżjoni jew trasferiment ta' l-attiv, bil-kondizzjoni li jagħti solliet għal din it-taxxa li, li kieku ma kienx għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, kienu jkunu mposti fuq dak il-qligħ jew dak il-profitt kapitali fl-Istat Membru li fih ikun lokat l-istabbiliment permanenti bħalma kien jagħmel jekk it-taxxa kienet attwalment imposta u ġiet imħallsa.

IT-TITOLU V

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 11

1. Stat Membru jista' jirrifjuta li japplika jew li jirtira l-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet fl-intier tagħhom jew f'parti minnhom tat-

Titoli II, III u IV meta jidher li l-inkorporazzjoni, id-diviżjoni, it-trasferiment ta' l-attiv jew l-iskambju ta' ishma:

(a) ikollu bħala l-għan immedjat tiegħu jew bħala wieħed mill-għanijiet immedjati prinċipali tiegħu l-evazzjoni tat-taxxa jew il-harbi minnha; il-fatt li waħda mill-ħidmiet riferiti fl-Artikolu 1 ma tiġix imwettqa għal raġunijiet kummerċjali validi bħalma huma l-istrutturazzjoni mill-ġdid jew ir-razzjonalizzazzjoni ta' l-attivitatiet tal-kumpannija li jkunu qegħdin jieħdu sehem fil-ħidma jista' jikkostitwixxi preżunzjoni ta' evazzjoni mit-taxxa jew harbi minnha bħala l-għan immedjat ewlieni tagħha jew wieħed mill-għanijiet immedjati ewlieni tagħha;

(b) jirriżulta f'kumpannija, sewwa jekk tkun qiegħda tiegħu sehem fil-ħidma u sewwa jekk le, li ma tibqax twettaq iktar il-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex l-impjegati tagħha jiġu rrappreżentati fuq l-organi tal-kumpannija skond l-arranġamenti fis-seħħ qabel din il-ħidma.

2. Il-paragrafu 1 (b) għandu jibqa' japplika sakemm u safejn l-ebda dispożizzjoni fil-liġi Komunitarja li jkun fiha l-ekwivalenti dwar ir-rappreżentanza ta' l-impjegati fuq l-organi tal-kumpannija ma tapplika għall-kumpannija koperti b'din id-Direttiva.

Artikolu 12

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għalbiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 1992 u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan min-nufih.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, ir-Repubblika Portugiża tista' ddewwem l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet involuti rigward it-trasferiment ta' l-attiv u l-iskambju ta' l-ishma sa l-1 ta' Jannar 1993.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunkaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlieni tal-liġijiet nazzjonali tagħhom li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 13

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Lulju 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

G. CARLI

L-ANNESS

Il-lista tal-kumpanniji riferiti fl-Artikolu 3(a)

- (a) il-kumpanniji skond il-liġijiet Belġjani magħrufa bħala “société anonyme” “naamloze vennootschap”, “société en commandite par actions” “commanditaire vennootschap op aandelen”, “société privée à responsabilité limitée” “besloten vennootschap met beperkte aansprakelijkheid” u dawk il-korpi tal-liġi pubblika li joperaw skond il-liġi privata;
 - (b) il-kumpanniji skond il-liġijiet Daniżi magħrufa bħala: “aktieselskab”, “anpartsselskab”;
 - (c) il-kumpanniji skond il-liġijiet Ġermaniżi magħrufa bħala: “Aktiengesellschaft”, “Kommanditgesellschaft auf Aktien”, “Gesellschaft mit beschränkter Haftung”, “bergrechtliche Gewerkschaft”;
 - (d) il-kumpanniji skond il-liġijiet Griegi magħrufa bħala: “anonymi etaireia”;
 - (e) il-kumpanniji skond il-liġijiet Spanjoli magħrufa bħala: “sociedad anónima”, “sociedad comanditaria por acciones”, “sociedad de responsabilidad limitada” u dawk il-korpi tal-liġi pubblika li joperaw skond il-liġi privata;
 - (f) il-kumpanniji skond il-liġijiet Franċiżi magħrufa bħala: “société anonyme”, “société en commandite par actions”, “société à responsabilité limitée” u l-istabbilimenti u l-impriżi pubbliċi industrijali u kummerċjali;
 - (g) il-kumpanniji fil-liġijiet Irlandiżi magħrufa bħala kumpanniji pubbliċi limitati skond l-ishma jew b'garanziji, il-kumpanniji privati limitati skond l-ishma jew bil-garanziji, il-korpi rreġistrati skond l-“Industrial and Provident Societies Acts” (l-Atti dwar is-Soċjetajiet Industrijali u l-Istituzzjonijiet ta' Għajnuna) jew soċjetajiet tal-bini rreġistrati skond il-“Building Societies Acts” (l-Atti dwar is-Soċjetajiet tal-Bini);
 - (h) il-kumpanniji skond il-liġijiet Taljani magħrufa bħala “società per azioni”, “società in accomandita per azioni”, “società a responsabilità limitata”, u entitajiet pubbliċi u privati li jwettqu attivitajiet industrijali u kummerċjali;
 - (h) il-kumpanniji skond il-liġijiet tal-Lussemburgu magħrufa bħala “société anonyme”, “société en commandite par actions”, “société à responsabilité limitée”;
 - (j) il-kumpanniji skond il-liġijiet Daniżi magħrufa bħala: “naamloze vennootschap”, “besloten vennootschap met beperkte aansprakelijkheid”;
 - (k) il-kumpanniji kummerċjali jew il-kumpanniji tal-liġi ċivili li għandhom għamla kummerċjali kif ukoll persuni legali oħra li jwettqu attivitajiet kummerċjali jew industrijali, li huma inkorporati skond il-liġijiet Portugiżi;
 - (l) il-kumpanniji inkorporati skond il-liġijiet tar-Renju Unit.
-